## Awditjar ta' Aċċessibilità w Ċertifikazzjoni

Flimkien mal-użu ta' 'Maltese Speech Engine', l-użu ta' 'e-service' jiżdied wkoll permezz ta' 'UICT Accessibility Audits' tal-FITA.

Dawn juru lill-klijenti kif trid tiġi użata t-teknoloġija b'suċċess u kif l-kumpanija tista' tibbenefika minnha. Ir-rapporti tal-FITA jinkitbu b'lingwaġġ mhux tekniku għal 'managers' li huma responsabbli għas-siti tal-Internet u li m'għandhomx għarfien tekniku. Aħna nipprovdu ukoll lista ta' aspetti tekniċi sabiex tigwida lil l-iżviluppaturi tas-siti tal-Internet.

Dan il-proccess huwa:

- Juri fejn il-prodott jinsab skond il-WCAG
- Jindika kif tista' ittejbu
- Jurik kif tista' tikseb l-aċċessibilta' mixtieqa.
- Jagħtik bażi għall-għażla bejn li jekk issolvix in-nuqqas ta' aċċessibilità jew li terġa tiżviluppa l-prodott

'Audits' aċċessibli huma ta' ħtieġa bħala l-ewwel pass lejn l-aċċessiblità ta' 'software' w siti tal-Internet.

Sors: Centre of Excellence in Universal Design

FITa




## FITa

**Stanley M. Debono** MBA E-Business, BCom (Hons)
Executive Coordinator
Tel: 2599 2659 Email: stanley.debono@gov.mt

**Michael Micallef**
Services Officer
Tel: 2599 2343 Email: michael.micallef@gov.mt

**Roger Davies-Barrett** MBA E-Business, Dip IT
Project Manager ERDF 114
Tel: 2599 2804 Email: roger.davies-barrett@gov.mt

www.knpd.org/mittsfita

Programm Operattiv I – Politika ta' Koeżjoni 2007-2013
Ninvestu fil-Kompetittività għal Kwalità ta' Ħajja Aħjar
Proġett parzjalment iffinanzjat mill-Unjoni Ewropea
Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali
Rata ta' Ko-finanzjament: 85% Fondi UE; 15% Fondi Nazzjonali

*Ninvestu fil-futur tiegħek*

Ninvestu fil-futur tiegħek
FOND EWROPEW GĦALL-IŻVILUPP REĠJONALI
MALTA 2007-2013

# FITa Update

FOUNDATION FOR INFORMATION TECHNOLOGY ACCESSIBILITY

Il-FITA twaqqfet fl-2001 mill-Malta Information Agency (MITA) u l-Kummissjoni Nazzjonali Persuni B'Diżabilità (KNPD). Il-FITA tikkoordina l-aċċessibilta' fl-informatika f'Malta.

Filwaqt li niżguraw li l-passi meħtieġa huma meħuda sabiex titnaqqas id-*digital divide*, nimmiraw biex aktar individwi jikkontribwixxu lejn is-soċjetà u l-ekonomija.

FITa Update



L-għan ewlieni tal-FITA hu li tgħin lil persuni b'diżabilità biex jirbħu l-ostakli fil-qasam tax-xogħol u l-edukazzjoni. Permezz ta' soċjetà aktar inklużiva, persuni b'diżabilità jistgħu jnaqssu d-dipendenza tagħhom fuq il-familja u s-servizzi soċjali. Meta nnaqsu id-'digital divide', ngħinu l-individwi biex jikkontribwixxu bis-sħiħ fis-soċjetàu jkunu aktar produttivi fi ħdan is-soċjetàu l-ekonomija.

Fl-2008 il-FITA kisbet fondi taħt il- 'European Regional Development Fund' sabiex tkun tista' tiżviluppa 'Maltese Speech Engine', li jaħdem flimkien ma' teknoloġija preżenti biex tippromwovi l-użu ta' e-services, għarfien tal-ilsien Malti u 'assistive ICT'. Dan il-proġett huwa parti iffinanzjat (85%) taħt il-kappa tal-'Operational Programme, I - Cohesion Policy 2007-2013', investiment fil-kompetitività għal ħajja aħjar. Il-FITA qed taħdem ma' numru ta għaqdiet, fosthom NGOs u l-Education Division fuq dan il-proġett.




## Riċerka fost individwi privati

Parti minn dan il-proġett tinkludi studju fuq l-użu tal-ICT minn individwi privati w kumpaniji kummerċjali.

M.Fsadni & Associates intagħżlu biex jagħmlu din ir-riċerka. Ir-riżultati tar-riċerka jixhdu l-ħsieb ta' 678 persuna privata u 197 entità kummerċjali dwar l-użu tal-kompjuter u l-użu ta' 'voice enabled technology' b'mod partikolari.

### Metodu

Ir-riċerka saret bl-użu tat-telefon (Computer Aided Telephone Interviews). L-intervisti saru ma' persuni w ma' kumpaniji minn diversi setturi kummerċjali. Din is-selezzjoni tirrappreżenta firxa ta' opinjonijiet differenti minn fost dawn il-gruppi. Din l-statistika tiżgura estimi b'95% 'confidence level', b' 'confidence interval' ta' +/-5%.

### Użu ta' *Speech Enabled Software*

44% wieġbu li 'probabbli ma għandhomx bżonn' jew 'żgur m'għandhomx bżonn' li l-kumpjuter tagħhom jkun jitkellem. 44% wieġbu wkoll li 'probabbli ħafna' li jużaw l-'speech-enabled software' li taħdem bl-ilsien Malti.




## Riċerka fost entitajiet Kummerċjali

Madwar 82% qalu li l-ħaddiema tagħhom ma jużawx 'speech enabled software'. 17.3% qalu li jekk ikollhom il-possibilità li jinkludu 'Maltese Speech Engine' fil-prodott tagħhom, jagħżlu li jagħmlu dan. Din il-ħtieġa hi konfermata minn 35% tat-tweġibiet li gew minn għand banek, istituzjonijiet finanzjarji, 'insurance' u s-settur tas-servizzi kummerċjali. 18.4% oħra li wieġbu hekk ġew mis-setturi tal-edukazjoni w tat-taħriġ.



**Għal aktar informazzjoni rigward il-progett ERDF 114 u r-riżultati tas-servej jinsabu fuq is-sit**

**www.knpd.org/mittsfita**